IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 23.3.2020
COM(2020) 104 final

ANNEX

# ANNESS

*tar-*

# RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW, LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI U LILL-BANK EWROPEW TAL-INVESTIMENT

**dwar l-implimentazzjoni tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar sħubija strateġika aktar b'saħħitha u mġedda mar-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE**

# Werrej


1. **Franza** ........ 2
2. **Guadeloupe** ........ 4
3. **Il-Guyana Franċiża** ........ 5
4. **Martinique** ........ 7
5. **Il-Gżira ta' Reunion** ........ 9
6. **Saint-Martin** ........ 11
7. **Mayotte** ........ 12
8. **Il-Portugall** ........ 13
9. **L-Azores** ........ 14
10. **Madeira** ........ 16
11. **Spanja** ........ 18
12. **Il-Gżejjer Kanarji** ........ 19

## 1. Franza

Minħabba l-organizzazzjoni istituzzjonali tagħha, Franza tistabbilixxi oqfsa strateġiċi għall-politiki pubbliċi f'ħafna setturi koperti mill-Komunikazzjoni dwar ir-reġjuni ultraperiferiċi fil-livelli lokali u nazzjonali.

- Adottat "Blue book" għar-reġjuni ultraperiferiċi ta' Franza u għall-pajjiżi u t-territorji extra-Ewropej f'Ġunju 2018, wara konsultazzjonijiet fl-2017.
- Nediet it-trajettorja Overseas 5.0 f'April 2019 immirata lejn żero karbonju, żero skart, żero inkwinant agrikolu, żero esklużjoni, żero vulnerabbiltà.
- Qed ittejjeb il-ġbir tad-*data* fir-reġjuni ultraperiferiċi, b'mod partikolari f'Mayotte, u qed tikkoopera mal-awtoritajiet ta' Saint Martin biex tissodisfa l-ħtiġijiet speċifiċi tat-territorju.

L-ekonomija blu

- Qed tikkoopera mar-reġjuni u l-partijiet ikkonċernati lokali biex tiffinalizza, sal-2020, dokument strateġiku għal kull baċir tal-baħar bħala parti mill-implimentazzjoni tal-istrateġija nazzjonali tal-2017 għall-baħar u l-kosta biex tappoġġa t-"tkabbir blu" u tipproteġi l-ambjent tal-baħar.

Il-bijodiversità

- F'Lulju 2018, adottat pjan ta' azzjoni biex tissaħħaħ il-konservazzjoni tal-bijodiversità.
- Qed torganizza l-Kungress Dinji għall-konservazzjoni f'Marsilja (Ġunju 2020) li jikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-kooperazzjoni mar-reġjuni Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku biex tippromwovi objettivi komuni fi ħdan ftehimiet internazzjonali dwar kwistjonijiet bħall-konservazzjoni tas-sikek tal-qroll.
- Qed tippjana li tibgħat rappreżentanti tal-Uffiċċju Franċiż għall-Bijodiversità fir-reġjuni ultraperiferiċi ta' Franza biex jikkooperaw mal-aġenziji lokali għall-bijodiversità.
- F'April 2019, waqqfet servizz nazzjonali inkarigat mill-proġetti ekonomiċi li jippromwovu l-bijodiversità fil-Guyana Franċiża.

L-agrikoltura u l-iżvilupp rurali

- Qed timplimenta l-fond mutwu dwar il-ġestjoni tar-riskju fl-agrikoltura għall-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss 2021-2027 kif ippjanat fil-liġi dwar l-ugwaljanza reali fil-livell extra-Ewropew[1].
- Qed tiddiskuti l-għodod għall-ġestjoni tar-riskju mal-assiguraturi biex ikopru b'mod speċifiku l-għelejjel tal-banana sal-aħħar tal-perjodu ta' programmazzjoni attwali.

It-tibdil fil-klima

- Adottat it-tieni Pjan Nazzjonali ta' Adattament għat-Tibdil fil-Klima (Diċembru 2018) li jidentifika l-isfidi f'territorji extra-Ewropej, b'mod partikolari dwar il-ġbir tad-*data,* il-bijodiversità u l-preservazzjoni tar-riżorsi naturali, it-turiżmu u l-lievi finanzjarji.
- Ħatret delegat interdipartimentali għal riskji kbar fit-territorji extra-Ewropej f'April 2019.

L-impjiegi, l-edukazzjoni u t-taħriġ

- Mexxiet u ppubblikat studju dwar il-mobbiltà tar-residenti extra-Ewropej żgħażagħ li jidentifika l-atturi ewlenin u l-iskemi ta' mobbiltà f'Ġunju 2019.

[1] Il-Liġi 2017-256, it-28 ta' Frar 2017.

- Introduċiet il-possibbiltà ta' kuntratti tax-xogħol li jippermettu l-kisba ta' kwalifiki professjonali ma' Stati fil-viċinat tar-reġjuni ultraperiferiċi, kif stabbilit fil-liġi dwar il-libertà li persuna tagħżel il-futur professjonali tagħha[2].

L-enerġija

- Qed taħdem mal-awtoritajiet lokali ta' Guadeloupe, ta' Martinique, tal-Guyana Franċiża, ta' Mayotte u tal-Gżira ta' Reunion dwar ir-reviżjoni tal-pjanijiet pluriennali tagħhom dwar l-enerġija.

- Iffirmat kuntratt ta' tranżizzjoni ekoloġika biex tappoġġa t-trasformazzjoni ekoloġika fil-livell lokali fil-Gżira ta' Reunion (April 2019) u fil-Guyana Franċiża (Lulju 2019).

- Ipprogrammat fl-2019 ammont ta' EUR 530 miljun matul il-ħames snin li ġejjin għaż-żoni Franċiżi kollha li mhumiex interkonnessi mal-grilja kontinentali tal-elettriku biex tiġi kkontrollata d-domanda għall-enerġija: 35 % tal-għajnuna hija għall-konsumaturi f'sitwazzjonijiet prekarji, inkluż fir-reġjuni ultraperiferiċi.

L-ekonomija ċirkolari

- Ikkonkludiet studju dwar l-ottimizzazzjoni tal-fondi Ewropej għall-proġetti tal-immaniġġjar tal-iskart favur l-ekonomija ċirkolari fir-reġjuni ultraperiferiċi fi Frar 2020.

Il-kompetittività, l-intraprenditorija u s-suq uniku

- Baxxiet il-limiti għall-proġetti ta' innovazzjoni fir-reġjuni ultraperiferiċi biex jinkiseb aċċess għall-appoġġ tal-finanzjament nazzjonali; estendiet skema ta' self għar-reġjuni ultraperiferiċi lil kumpaniji li għandhom inqas minn tliet snin, u tejbet il-kundizzjonijiet tal-finanzjament tagħha (Ġunju 2019).

- Qed tippjana li tniedi sejħa għal espressjoni ta' interess ta' EUR 15-il miljun iddedikata għall-innovazzjoni fir-reġjuni ultraperiferiċi Franċiżi u fil-pajjiżi u t-territorji extra-Ewropej fl-ewwel kwart tal-2020.

L-aċċessibbiltà diġitali

- Iffinanzjat 15-il ċentru tal-edukazzjoni fir-reġjuni ultraperiferiċi tagħha biex jissaħħu l-ħiliet diġitali.

Il-kooperazzjoni mal-viċinat u lil hinn minnu

- Ippromulgat liġi li ssaħħaħ il-mezzi ta' azzjoni tas-servizzi tal-Istat fir-rigward tal-kontroll tal-immigrazzjoni u l-ażil (Settembru 2018); f'April 2018, nediet pilota dwar l-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għall-ażil fil-Guyana Franċiża.

- Stabbilixxiet kwartieri ġenerali operattivi f'Mayotte u grupp ta' investigazzjoni interdipartimentali li jispeċjalizza fl-aspetti finanzjarji tal-immigrazzjoni illegali.

[2] Il-Liġi 2018-771, il-5 ta' Settembru 2018.

## 2. Guadeloupe

Guadeloupe qed timxi 'l quddiem fl-implimentazzjoni tal-Komunikazzjoni dwar ir-reġjuni ultraperiferiċi b'enfasi fuq l-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza enerġetika.

L-ekonomija blu

- F'Mejju 2019, inawgurat sit ta' kostruzzjoni navali fil-Gżira ta' Marie-Galante biex tipprovdi taħriġ fl-għarfien espert lokali bl-għan li tappoġġa s-sajd sostenibbli.
- Tmexxi l-proġett pilota ORFISH (2017-2019), li appoġġa l-iskambju ta' għarfien dwar tekniki tas-sajd b'impatt baxx fost is-sajjieda mir-reġjuni ultraperiferiċi kollha u fittex li jtaffi l-pressjoni fuq ir-riżorsi tas-sajd kostali (b'kofinanzjament ta' 90 % mill-UE).

L-agrikoltura

- Fl-2019 nediet proġett għall-promozzjoni u l-bejgħ ta' spirti u prodotti agroalimentari fl-Istati Uniti bi sħubija ma' kumpaniji tas-settur, Business France u l-Ministeru Franċiż għall-Affarijiet Barranin.

Il-bijodiversità

- Qed tistabbilixxi aġenzija reġjonali għall-bijodiversità.

L-ekonomija ċirkolari

- F'Ottubru 2018, nediet "pjan reġjonali ta' żero skart sal-2035" biex jitnaqqsu l-iskart għal kull abitant u d-dipendenza fuq l-enerġija, u biex jinħolqu tmien punti ta' ġbir tal-iskart.
- Appoġġat lil kumpaniji lokali bil-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali fit-trattament tal-iskart metalliku u tal-vetturi bil-ħsara kkawżati mill-uragani Irma u Maria.

L-enerġija

- F'Ġunju 2018, inawgurat stazzjonijiet tal-iċċarġjar tal-karozzi bbażati fuq l-enerġija mix-xemx biex tippromwovi l-użu tal-eċċess tal-enerġija mix-xemx.
- Nediet proġett ta' installazzjoni fotovoltajka fiċ-ċentru tal-immaniġġjar tal-iskart fil-muniċipalità ta' Sainte Rose (Marzu 2019) biex jitnaqqsu l-emissjonijiet u tittejjeb l-effiċjenza enerġetika.
- Fi Frar 2019, ħolqot impjant tal-enerġija ġdid tat-tidwil pubbliku muniċipali, li mistenni jnaqqas il-konsum tal-enerġija b'75 %; tejbet it-tidwil pubbliku f'żewġ muniċipalitajiet bl-appoġġ tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali.

Ir-riċerka u l-innovazzjoni

- Installat reġistraturi tal-mewġ maħsuba biex itejbu l-prevenzjoni ta' riskji naturali kbar assoċjati mal-baħar (Marzu 2019).
- F'Ġunju 2018, installat tagħmir ġdid għad-dijanjożi tal-kanċer u nediet l-ewwel ċentru għall-ġestjoni tad-dijanjożi tal-kanċer fil-Karibew.

It-trasport

- Fetħet konnessjoni tal-linji tal-ajru ġdida bejn Pointe-à-Pitre u New York fi Frar 2020 biex ittejjeb il-konnettività.

Il-kooperazzjoni mal-viċinat u lil hinn minnu

- Issieħbet mal-Organizzazzjoni tal-Istati tal-Karibew tal-Lvant fl-2019.
- Nediet proġett ("Ready Together") għal koordinazzjoni aktar effiċjenti tal-għajnuna fil-każ ta' diżastri naturali fil-Karibew.

## 3. Il-Guyana Franċiża

Il-Guyana Franċiża qed tagħmel progress b'pass kostanti fil-prijoritajiet tal-Komunikazzjoni b'enfasi fuq l-edukazzjoni u t-taħriġ u l-użu sostenibbli tar-riżorsi. Bħalissa, ħafna inizjattivi jinsabu fil-fażi tal-ippjanar.

L-ekonomija blu

- F'Diċembru 2019, żviluppat strateġija reġjonali tal-ekonomija blu.
- Ħolqot strument finanzjarju fil-forma ta' skema ta' self ta' EUR 4,7 miljun għal operaturi żgħar, inkluż fis-settur tas-sajd.
- Ikkonvertiet proġett ta' servizz ta' konsulenza mmexxi mill-aġenzija għall-iżvilupp reġjonali u mill-awtorità lokali għas-sajjieda lokali f'servizz permanenti.

L-agrikoltura

- Iffinalizzat studju u bdiet tħejji proġett pilota sperimentali dwar il-biedja, immirat lejn l-implimentazzjoni ta' stazzjonijiet tal-ittestjar biex jiġu żviluppati metodi għall-użu aħjar tar-riżorsi organiċi.

Il-bijodiversità

- Qed tistabbilixxi aġenzija reġjonali għall-bijodiversità.

L-ekonomija ċirkolari

- Qed tfassal pjan reġjonali għall-prevenzjoni u l-immaniġġjar tal-iskart bl-appoġġ tal-Aġenzija Franċiża għall-Ambjent u l-Ġestjoni tal-Enerġija (ADEME).

L-enerġija

- Qed tibni installazzjonijiet tal-elettriku ġodda bbażati fuq il-bijomassa biex tkopri domanda għall-enerġija ta' 40 Megawatt sal-2023 u tlaħħaq mad-domanda dejjem tiżdied u mat-tkabbir demografiku.

Ir-riċerka u l-innovazzjoni

- F'April 2018, organizzat forum għar-riċerka u l-innovazzjoni li laqqa' flimkien partijiet ikkonċernati mill-awtoritajiet lokali u mis-setturi tar-riċerka u tan-negozju, biex jikkontribwixxu għar-rieżami li għaddej tal-istrateġija ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti tagħha.
- Iffirmat ftehim ma' raggruppament ta' negozji Franċiżi tal-fwejjaħ u l-prodotti kożmetiċi biex tagħti spinta lir-riċerka lokali dwar is-sustanzi naturali tal-Guiana u tiżviluppa prodotti bbażati fuq ir-riżorsi tal-pjanti lokali, inkluża sħubija bejn iċ-ċentri universitarji (Novembru 2018).

L-impjiegi, l-edukazzjoni u t-taħriġ

- Stabbilixxiet ftehim mal-istituzzjonijiet edukattivi tar-reġjun, AFMAé (assoċjazzjoni għat-taħriġ fl-avjazzjoni) u l-kumpanija ajruspazjali Ariane Group, biex jiġi żviluppat kors ta' lawrja ta' baċellerat fil-qasam tal-industrija ajruspazjali għall-2020.
- Nediet proġett mal-federazzjoni Franċiża ta' dawk li jħaddmu, MEDEF, u mal-aġenzija nazzjonali tal-impjiegi, Pôle emploi, biex tqiegħed 300 żagħżugħ u żagħżugħa f'negozji lokali (2019); waqqfet punt ta' kuntatt sabiex tagħti pariri lin-negozji lokali dwar l-integrazzjoni vokazzjonali.

L-aċċessibbiltà diġitali

- Qed tħejji t-tnedija ta' kejbil taħt il-baħar li jgħaqqad il-Guyana Franċiża mal-kejbil tal-fibrottika taħt il-baħar ta' EllaLink, li se jgħaqqad l-Ewropa u l-Amerika Latina fl-2020 u se

jsir operazzjonali fl-2021, bl-appoġġ tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u tal-Bank Ewropew tal-Investiment.

- Qed tħejji miżuri biex tistabbilixxi r-reġjun bħala żona ta' attività ekonomika għall-ħażna tad-*data* fuq servers ("Datacentre").
- Qed tniedi l-broadband fi 17-il żona iżolata; u akkwistat bandwidth tas-satellita f'April 2019 biex tiffaċilita l-konnettività diġitali tal-iskejjel f'żoni remoti.
- Ħolqot 44 punt ta' aċċess għan-netwerk f'Saint Laurent du Maroni (siti ta' interess ekonomiku u żoni remoti), bl-appoġġ tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali.

It-trasport

- Qed tiżviluppa proġett fuq skala wiesgħa li joħloq korsiji riżervati għat-trasport pubbliku fil-belt kapitali ta' Cayenne.
- Qed tistabbilixxi konnessjoni ġdida bil-laneċ bejn Saint Laurent du Maroni u Albina fis-Suriname bl-appoġġ ta' Interreg.

Il-kooperazzjoni mal-viċinat u lil hinn minnu

- Nediet studju biex jiġu vvalutati l-ħtiġijiet tan-negozji lokali u miżuri biex jittejbu l-iskambji mal-viċinat.

## 4. Martinique

Martinique qed timplimenta l-Komunikazzjoni u qed tikseb riżultati f'oqsma bħall-ekonomija ċirkolari, l-enerġija, il-kompetittività, kif ukoll l-impjiegi, l-edukazzjoni u t-taħriġ.

L-ekonomija blu

- Ipprogrammat studju tal-fattibbiltà fil-bidu tal-2020 dwar it-twaqqif ta' Istitut tal-Akkwakultura.
- Ikkonfermat it-tnedija ta' programmi ġodda ta' taħriġ li jiffokaw fuq is-sajd u l-oqsma marbuta mal-ekonomija blu permezz ta' ċentru tat-taħriġ vokazzjonali ddedikat (POLE MER).

Il-bijodiversità

- F'Ġunju 2019, iffirmat ftehim qafas bejn l-awtorità lokali, il-Park tar-Riżerva Naturali u l-awtoritajiet Franċiżi biex jiġi stabbilit programm ta' preservazzjoni reġjonali u jittejjeb l-għarfien tar-riżerva naturali.

L-ekonomija ċirkolari

- Nediet konsultazzjoni pubblika u adottat (fl-aħħar tal-2019) pjan għall-prevenzjoni u l-immaniġġjar tal-iskart, biex twitti t-triq għal strateġija tal-ekonomija ċirkolari lokali.
- Bdiet kampanji ta' informazzjoni kontra l-ħela tal-ikel fl-iskejjel lokali bl-għan li jiżdied l-għarfien tal-istudenti dwar is-sostenibbiltà.
- Fl-2018, nediet kampanja ta' sensibilizzazzjoni bl-isem ta' "Kaz Zéro gaspi" fil-qafas tal-ġimgħa ddedikata għall-konsum ekoloġiku.
- Qed twettaq 14-il proġett, inklużi studji dwar l-użu mill-ġdid ta' utilitajiet mediċi u għamara, it-twaqqif ta' faċilità mobbli li toffri servizzi ta' tiswija ("Repair Truck") u l-estensjoni ta' faċilità ta' servizz ta' tiswija li toffri workshops ("Repair Café").

L-enerġija

- Nediet proġett biex tappoġġa l-installazzjoni ta' pannelli fotovoltajċi biex ittejjeb l-awtosuffiċjenza tal-enerġija fl-2017 u żewġ sejħiet għal proposti għall-kostruzzjoni ta' bini effiċjenti fl-użu tal-enerġija fl-2019.
- Qed tniedi netwerk ta' tidwil pubbliku effiċjenti fl-użu tal-enerġija għall-iffrankar ta' mill-inqas 30 % tal-elettriku sal-2020.
- Nediet programm ta' ħames snin ta' appoġġ għall-iffrankar tal-enerġija b'valur ta' EUR 100 miljun, filwaqt li ffukat fuq madwar 60 azzjoni għall-iffrankar tal-konsum tal-elettriku (2019-2023).
- Fl-2019, waqqfet pjattaforma ta' informazzjoni[3] dwar it-tranżizzjoni tal-enerġija, inkluża informazzjoni dwar il-mobbiltà, l-enerġiji rinnovabbli, l-utilitajiet domestiċi u l-iżolament termali.
- Installat stazzjonijiet għar-rifroniment tal-fjuwil b'100 % ta' enerġija mix-xemx għall-vetturi elettriċi fil-qafas tal-proġett "Green Drive".
- Tippjana li tuża gradwalment 250 stazzjon tal-iċċarġjar solari fil-qafas ta' "Madin' Drive".

L-impjiegi, l-edukazzjoni u t-taħriġ

- Organizzat kompetizzjoni għall-apprendisti fit-taħriġ vokazzjonali f'Marzu 2019.

[3] www.transitionenergetiquemartinique.mq

- Organizzat fiera lokali tal-impjiegi u l-edukazzjoni ffokata fuq ir-reklutaġġ diġitali f'Ġunju 2019.

Il-kompetittività, l-intraprenditorija u s-Suq uniku

- Fl-2017, adottat l-Iskema Lokali għall-Iżvilupp Ekonomiku, l-Innovazzjoni u l-Internazzjonalizzazzjoni li tipprovdi finanzjament għat-titjib tal-produzzjoni, tal-prestazzjoni u tal-impjegabbiltà; waqqfet sħubija li tipprovdi servizzi ta' informazzjoni lin-negozji.
- Fl-2018, bdiet forum annwali tan-negozju ta' 3 ijiem imsejjaħ "OSE!", biex tipprovdi opportunità ta' netwerking għal negozji stabbiliti u gwida dwar il-bidu ta' negozju.

L-aċċessibbiltà diġitali

- Qed tniedi fibrottika li tgħaqqad l-istituzzjonijiet edukattivi bl-appoġġ tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u n-netwerks tal-broadband b'veloċità għolja tal-fibrottika bl-appoġġ tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali.
- Uriet "villaġġ diġitali" fil-forum "OSE!" tal-2019 sabiex tippromwovi l-adozzjoni tad-diġitalizzazzjoni – pereżempju l-ipprintjar 3D – fost in-negozji lokali.

Il-kooperazzjoni mal-viċinat u lil hinn minnu

- Organizzat tliet Kunsilli tal-Ministri tal-Organizzazzjoni tal-Istati tal-Karibew tal-Lvant fl-oqsma tas-saħħa, l-edukazzjoni u l-ambjent.
- F'Jannar 2018, nediet il-proġett għat-Tisħiħ tal-Kummerċ għall-Karibew tal-Lvant (TEECA) biex tgħin lil 30 negozju lokali fl-esportazzjoni lejn l-Istati tal-Karibew.
- Ikkollaborat bħala sieħba fil-proġett Odyssea (Frar 2019) fil-qasam tal-ekonomija blu bl-għan li jissaħħu t-turiżmu blu u t-tkabbir fil-Karibew.

## 5. Il-Gżira ta' Reunion

Il-Gżira Reunion qed tiffoka fuq ħafna setturi tal-Komunikazzjoni, b'mod partikolari l-ekonomija ċirkolari u blu, l-enerġija, ir-riċerka u l-kooperazzjoni mal-pajjiżi tal-viċinat.

L-ekonomija blu

- Nediet proġett ta' ppjanar spazjali marittimu (2018-2020) fil-Lbiċ tal-baċir tal-Oċean Indjan (OCEAN MÉTISS) bi sħubija mal-Istat, mal-Kummissjoni tal-Oċean Indjan u mal-Kummissjoni Ewropea.
- F'Marzu 2019, waqqfet "Istitut Blu" biex tikkoordina u tfassal politiki pubbliċi fl-ekonomija blu.

L-agrikoltura u l-iżvilupp rurali

- Qed tiżviluppa mudell agrikolu li jippromwovi l-produzzjoni lokali u jiżgura t-tranżizzjoni agroekoloġika (il-proġett AGRIPEI 2030).

Il-bijodiversità

- Ipprovdiet taħriġ u appoġġ għat-twaqqif ta' proġetti b'finanzjament tal-UE minn LIFE u BEST fl-2018 u l-2019.
- Wettqet proġetti bl-appoġġ tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali biex tipproteġi speċijiet fil-periklu: l-ispeċijiet ta' bugħadam u pjanti ta' Maillard (il-proġett ESPECES).

L-ekonomija ċirkolari

- Fasslet pjan reġjonali għall-prevenzjoni u l-immaniġġjar tal-iskart mal-awtoritajiet lokali u tal-Istat, li jistabbilixxi objettivi reġjonali, pereżempju "żero skart" u li jiżgura l-koordinazzjoni.
- Żviluppat pjan ta' azzjoni reġjonali dwar l-ekonomija ċirkolari biex tiddefinixxi l-viżjoni strateġika u l-miżuri konkreti biex jintlaħaq l-għan ta' "żero skart".
- Implimentat 22 proġett tal-ekonomija ċirkolari (Frar 2018 – Ġunju 2019), li jvarjaw mid-disinn u t-tul tal-ħajja tal-prodotti għar-riċiklaġġ.
- Qed tipparteċipa fil-proġett REPLACE (Awwissu 2019, iffinanzjat minn Interreg Europe), bl-għan li tiddefinixxi u timplimenta politiki għall-ekonomija ċirkolari.

L-enerġija

- Fi Frar 2018, waqqfet task force dwar it-tranżizzjoni tal-enerġija flimkien mal-Istat u l-Kummissjoni Ewropea.
- Qed timplimenta żewġ proġetti bl-appoġġ tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali:
    - SOLARPLEXUS, għad-disinn ta' sistema innovattiva li tipprovdi lis-siti remoti b'aċċess għas-servizzi tal-elettriku, tal-ilma u tal-komunikazzjoni;
    - MICRO-MAFATE NETWORK, li jesperimenta b'mikrogrilja tal-elettriku fiċ-ċirku ta' Mafate, bl-għan li tinkiseb l-awtosuffiċjenza.
- Ilha twettaq xogħlijiet ta' rinnovazzjoni termali fi 18-il skola sekondarja mill-2018.
- Qed tiżviluppa vetturi sostenibbli bħal scooters elettriċi għall-mobbiltà urbana bl-appoġġ tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (il-Proġett VELOCE ta' Marzu 2018).

Ir-riċerka u l-innovazzjoni

- Qed timplimenta l-proġett VALOBIO (appoġġat mill-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd, Mejju 2019) bl-użu ta' metodu innovattiv sabiex il-koprodotti ta' ħut skartat li jintremew fil-baħar jiġu ttrasformati f'fertilizzanti organiċi likwidi għall-agrikoltura sostenibbli.
- F'April 2019, nediet il-valutazzjoni tal-istrateġija ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti tagħha biex tanalizza l-potenzjal tar-reġjuni f'diversi oqsma u tidentifika swieq speċjalizzati ta' interess strateġiku.

L-impjiegi, l-edukazzjoni u t-taħriġ

- F'Novembru 2017, waqqfet il-proġett CAMPUS SUD bl-appoġġ tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, biex terġa' tiġbor u testendi l-offerta tal-università reġjonali, kif ukoll toħloq teknopolu (il-proġett "Vallée Blanche").

Il-kompetittività, l-intraprenditorija u s-suq uniku

- Ħolqot il-Fond "Financière Région Réunion" b'valur ta' EUR 50 miljun (il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Bank Ewropew tal-Investiment, ir-reġjun) maħsub biex jappoġġa lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) permezz ta' self u strument ta' ekwità privata. Minn Ġunju 2019, il-Fond iffinanzja 135 SME b'EUR 13-il miljun.
- Tipparteċipa fil-proġett REACT appoġġat minn ORIZZONT 2020 biex tiddekarbonizza s-sistemi tal-enerġija tal-gżira.

L-aċċessibbiltà diġitali

- Qed tlesti t-tnedija tal-broadband, li permezz tagħha qed tistenna li tilħaq iż-żoni mhux koperti kollha sal-aħħar tal-2022, bl-appoġġ tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (proġett ewlieni fl-2019).

Il-kooperazzjoni mal-viċinat u lil hinn minnu

- Qed timplimenta proġett (TIS AEDES OI, taħt Interreg) li jesplora teknika biex tiġi kkontrollata n-nemusa "tigre" tal-Aedes.
- Qed issaħħaħ il-kapaċità tal-istrutturi pubbliċi u privati fil-pajjiżi msieħba billi tibgħat gradwati lokali lejn dawn il-pajjiżi, bl-appoġġ tal-Interreg.
- Ikkonkludiet ftehimiet qafas mal-ġirien taħt il-programm ta' Interreg imsejjaħ "Indian Ocean" (pereżempju f'April 2019 mas-Seychelles), li jtejbu l-koordinazzjoni f'oqsma ta' interess komuni.
- F'Lulju 2019, ħolqot servizz ta' appoġġ għan-negozju fil-Mozambique, li huwa maħsub biex jappoġġa l-internazzjonalizzazzjoni tal-intrapriżi lokali u l-kooperazzjoni reġjonali.

## 6. Saint-Martin

Saint-Martin qed timplimenta l-Komunikazzjoni dwar ir-reġjuni ultraperiferiċi fil-kuntest partikolari tar-rikostruzzjoni tal-gżejjer wara l-uragan Irma. Għalhekk, l-enfasi hija fuq il-bini mill-ġdid ta' infrastruttura mtejba u l-għoti ta' reazzjonijiet adegwati għat-tibdil fil-klima.

L-ekonomija blu

- Qed tipprovdi taħriġ professjonali dwar attivitajiet tal-baħar relatati mill-2018.

L-agrikoltura

- Qed tippjana li tniedi soluzzjonijiet innovattivi għall-agrikoltura, bħall-kultivazzjoni mingħajr ħamrija, kif ukoll tinvesti f'kompartimenti magħluqa li jistgħu jitneħħew fl-irziezet tal-bhejjem, li għandhom jiżżarmaw f'każ ta' maltemp.

L-ekonomija ċirkolari

- Qed tqajjem kuxjenza u timplimenta azzjonijiet ta' komunikazzjoni dwar ir-riċiklaġġ u s-separazzjoni tal-iskart, kif ukoll tistabbilixxi punt għall-ġbir tal-iskart u twettaq studju konġunt għall-gżira kollha kemm hi (bl-appoġġ tal-programm Interreg Caribbean) bl-għan li jittejjeb l-immaniġġjar tal-iskart.

It-tibdil fil-klima

- Fl-2018 waqqfet sistema ta' ġestjoni tar-riskju għad-diżastri billi wettqet eżerċizzji ta' twissija, sensibilizzazzjoni tal-pubbliku, ivvalutat is-sistemi ta' twissija u kisbet radar meteoroloġiku biex ittejjeb it-tbassir tat-temp (Interreg Caribbean).

L-enerġija

- Bdiet studji ta' qabel il-fattibbiltà dwar ir-riżorsi ġeotermali potenzjali fuq il-gżejjer ta' Saba, Sint Eustatius u Sint Kitts u dwar l-interkonnessjoni tal-elettriku bejn il-gżejjer bl-għan li tippromwovi l-enerġija rinnovabbli (Interreg Caribbean, Lulju 2019).

L-aċċessibbiltà diġitali

- Qed tistabbilixxi netwerks ta' fibrottika taħt l-art, maħsuba biex itejbu l-konnettività diġitali fid-distretti kollha, bħala parti mir-rikostruzzjoni.
- Qed twettaq studji ta' qabel il-fattibbiltà għall-interkonnessjoni diġitali bejn il-gżejjer ta' Leewards (il-gżejjer tat-Tramuntana tal-katina tal-Antilli Minuri).

Il-kooperazzjoni mal-viċinat tar-reġjuni ultraperiferiċi u lil hinn minnu

- Ingħataw status ta' osservatur fl-Organizzazzjoni tal-Istati tal-Karibew tal-Lvant.

## 7. Mayotte

Mayotte qed timplimenta l-Komunikazzjoni tal-2017 b'enfasi sinifikanti fuq l-ekonomija blu.

L-ekonomija blu

- Fl-2018 nediet grupp ta' ħidma biex iħejji strateġija reġjonali għall-ekonomija blu: il-ġbir ta' *data* dwar is-setturi tal-ekonomija blu u l-organizzazzjoni ta' skambji mal-partijiet ikkonċernati dwar it-tkabbir blu (taħriġ, turiżmu, sajd u akkwakultura).
- Qed tfassal skema għall-Ippjanar tal-Ispazju Reġjonali, b'kapitolu speċifiku dwar l-ippjanar tal-baħar, bħala l-bażi għall-attivitajiet kollha relatati mal-kosta.
- Qed tiżviluppa pjan għall-ġestjoni tal-flotta flimkien mal-awtoritajiet nazzjonali, kif ukoll pjan direttur għall-akkwakultura.
- Qed tinvesti f'faċilitajiet tal-akkwakultura li qabel kienu abbandunati u qed tappoġġa l-kapaċità tal-partijiet ikkonċernati lokali.

Il-bijodiversità

- Qed twaqqaf aġenzija reġjonali għall-bijodiversità bi sħubija mal-awtoritajiet nazzjonali.

L-enerġija

- Qed timplimenta proġett pilota li jinvolvi l-vetturi elettriċi u l-istazzjonijiet tal-iċċarġjar b'100 % ta' enerġija mix-xemx għal trasport sostenibbli (2019).
- Qed tistudja l-potenzjal tas-sistemi fotovoltajċi fl-iskejjel u fil-bini pubbliku, billi l-enerġija mix-xemx hija l-aktar enerġija rinnovabbli importanti tar-reġjun.

Il-kompetittività, l-intraprenditorija u s-Suq uniku

- Fl-2017 nediet proġett teknopoli biex tlaqqa' flimkien il-kumpaniji tal-manifattura u tas-servizzi fis-setturi tat-teknoloġija avvanzata bl-għan li tissaħħaħ il-kapaċità tan-negozji tagħhom li joperaw fis-suq uniku.

It-trasport

- Qed taħdem fuq proġett ta' trasport interurban li jistabbilixxi tliet linji tal-karozzi tal-linja maħsuba biex jgħaqqdu n-Nofsinhar, iċ-ċentru u t-Tramuntana ta' Mayotte mal-kapitali Mamoudzou, kif ukoll tinvolvi l-konnessjonijiet marittimi potenzjali għall-2021 biex tittejjeb il-konnettività.
- Fl-2018, nediet proġett biex ittejjeb is-sikurezza fl-ajruport ta' Mayotte, bl-appoġġ tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali.

Il-kooperazzjoni mal-viċinat u lil hinn minnu

- Iffirmat ftehim biex ikun possibbli għall-istudenti universitarji ta' Mayotte li jeżerċitaw mobbiltà fil-pajjiżi tal-Afrika tal-Lvant, fl-oqsma tat-teknoloġija diġitali, l-animazzjoni u l-kultura (Frar 2019).

## 8. Il-Portugall

Il-Portugall jaħdem mill-qrib mar-reġjuni awtonomi tal-Azores u ta' Madeira biex jimplimenta l-Komunikazzjoni tal-2017, b'mod partikolari dwar l-ekonomija ċirkolari, it-tibdil fil-klima u r-riċerka.

- Fl-2018 u l-2019, żviluppa kooperazzjoni bejn l-Istitut Nazzjonali għall-Istatistika u d-Dipartimenti tal-Istatistika Reġjonali tal-Azores u ta' Madeira biex itejjeb il-ġbir u l-ġestjoni tad-*data*, b'mod partikolari fl-oqsma tal-agrikoltura, it-trasport bil-baħar u bl-ajru.

L-ekonomija ċirkolari

- Fl-2018 u l-2019, appoġġa proġetti li jippromwovu użu aktar effiċjenti tar-riżorsi f'Madeira u fl-Azores taħt il-Fond Ambjentali nazzjonali.
- Iffaċilita l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini minn Madeira u mill-Azores f'avvenimenti dwar l-ekonomija ċirkolari u t-tibdil fil-klima fil-Portugall kontinentali (rimborż ogħla tal-ispejjeż).

It-tibdil fil-klima

- Fl-2018 u l-2019, ipprovda appoġġ għal proġetti li jippromwovu l-installazzjoni ta' stazzjonijiet tal-iċċarġjar għal vetturi elettriċi fl-Azores, permezz ta' sejħiet taħt il-Fond Ambjentali.
- Ipprovda lil Madeira u lill-Azores b'finanzjament taħt il-Programm "L-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ekonomija b'Livell Baxx ta' Emissjonijiet ta' Karbonju".
- F'Marzu 2019, organizza sessjonijiet f'Madeira u fl-Azores biex jippreżenta l-Mekkaniżmu Finanzjarju tal-Għotjiet EEA[4].

Il-bijodiversità

- Fl-2019, nieda sejħa għal proġetti bl-għan li jippromwovi mudelli ta' żvilupp sostenibbli fir-Riżervi tal-Bijosferi Portugiżi kollha, li ħamsa minnhom jinsabu f'Madeira u fl-Azores.

Ir-riċerka u l-innovazzjoni

- Beda l-Programm Internazzjonali tal-Illanċjar tas-Satelliti f'Settembru 2018, biex jinħoloq port spazjali internazzjonali fuq il-gżira ta' Santa Maria, fl-Azores; il-port spazjali mistenni jibda jopera sal-aħħar tal-2021.
- F'Marzu 2019, stabbilixxa l-Aġenzija Spazjali Portugiża, li tinsab fil-gżira ta' Santa Maria fl-Azores.

L-aċċessibbiltà diġitali

- F'Mejju 2019, ħoloq il-Grupp ta' Ħidma "Kejbils taħt il-baħar CAM – It-Territorju Kontinentali, l-Azores u Madeira" biex janalizza l-aħjar mod kif jiġu sostitwiti l-kejbils ta' taħt il-baħar li jiżguraw konnessjonijiet ta' komunikazzjoni minn Madeira u l-Azores lejn it-territorju kontinentali. Il-grupp ħareġ konklużjonijiet f'Diċembru 2019.

It-trasport

- Ippropona li jinkludi l-ajruporti ta' Funchal, Porto Santo u Ponta Delgada fin-netwerk ewlieni ta' TEN-T, b'risposta għall-konsultazzjoni dwar ir-reviżjoni tal-linji gwida ta' TEN-T.

---

[4] https://eeagrants.org/about-us

## 9. L-Azores

L-Azores qed jimplimentaw il-Komunikazzjoni tal-2017 li tiffoka prinċipalment fuq l-ekonomija blu, kif ukoll fuq l-enerġija u r-riċerka.

- Qed jiġbru d-*data* dwar l-impjiegi u l-attivitajiet fis-settur tas-sajd għall-gżejjer kollha.

L-ekonomija blu

- Fl-2018, ħolqu grupp ta' ħidma biex jitwaqqaf l-Osservatorju tal-Atlantiku ddedikat għar-riċerka xjentifika marittima, inklużi l-protezzjoni, ir-riċerka, il-monitoraġġ u l-isfruttament soċjoekonomiku tal-ispazji marittimi.
- Qed imexxu l-proġett MarSP (2018-2019), biex jiżviluppaw skemi tal-Ippjanar tal-Ispazju Marittimu fl-Azores, f'Madeira u fil-Gżejjer Kanarji.
- Ikkonkludew MISTIC SEAS II u qed jikkoordinaw il-proġett MISTIC SEAS III (2019), biex jevalwaw id-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina.
- Qed jipparteċipaw fil-proġett AQUA-LIT (2019) biex jipprevjenu l-iskart fil-baħar mill-attivitajiet tal-akkwakultura u biex ineħħu l-iskart mill-faċilitajiet tal-akkwakultura.
- Nedew il-proġett pilota "E-log" (2019) biex jissorveljaw b'mod elettroniku s-sajd fuq skala żgħira u jipprovdu appoġġ lill-atturi lokali.
- Ippromwovew id-Dikjarazzjoni tal-Azores għad-Difiża tas-Sajd għat-Tonn bil-Qasba u bix-Xlief (Ottubru 2018) għas-sensibilizzazzjoni dwar it-tekniki tas-sajd sostenibbli.
- Stabbilixxew l-hekk imsejħa "School of the Sea" (2019), biex irawmu l-kwalifiki u t-taħriġ, u qed jipparteċipaw, fil-qafas ta' Erasmus, fil-proġett MATES (2018-2021), li għandu l-għan li jrawwem Strateġija ta' Ħiliet fit-Teknoloġija tal-Baħar.

L-agrikoltura

- Qed jippjanaw li jlestu "Pjan Strateġiku għas-settur tal-ħalib" fl-2020, biex jidentifikaw swieq ġodda u jippromwovu l-innovazzjoni u l-internazzjonalizzazzjoni tal-prodotti tal-ħalib.
- Appoġġaw l-użu ta' inġenji tal-ajru ppilotati mill-bogħod għall-ġestjoni tal-foresti (koffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali).

Il-bijodiversità

- Qed jivvalutaw it-tniġġis ikkawżat mill-plastik fil-baħar fond bl-appoġġ tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (PLASTDEEP 2019).
- Qed iwettqu tliet proġetti appoġġati mill-programm LIFE tal-UE: LIFE VIDALIA (2018-2023) għall-konservazzjoni tal-ispeċijiet tal-flora f'riskju ta' estinzjoni; LIFE-IP AZORES NATURA (2019-2027) għall-preservazzjoni tal-ħabitats u tal-ispeċijiet protetti; u LIFE Beetles (li jibda fl-2020) biex jitnaqqsu r-riskji għall-ispeċijiet fil-periklu.
- Qed jimplimentaw il-proġett MOVE I (2018-2021) u nedew MOVE ON (2019-2022) f'konformità mal-Istrateġija tal-UE dwar il-Bijodiversità biex jidentifikaw u jivvalutaw l-istat tal-ekosistemi u s-servizzi tagħhom.
- Appoġġaw il-proġett BIOINVENT biex jistudjaw id-diversità mikrobika tal-ħamrija fl-ekosistemi tal-bwar fl-Azores, kif ukoll il-proġett MARFOR biex jistudjaw id-dinamika tar-reazzjonijiet tal-foresti tal-baħar għall-bidla globali (it-tnejn li huma fil-perjodu 2017-2020).

It-tibdil fil-klima

- F'Settembru 2019, approvaw il-Programm Reġjonali għat-Tibdil fil-Klima, immirat biex jimminimizza l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra u jnaqqas l-esponiment għar-riskji tal-klima.

L-ekonomija ċirkolari

- Mistennija jadottaw il-Programm għall-Ġestjoni tat-Turiżmu għall-iżvilupp sostenibbli fis-settur.

L-enerġija

- F'Ottubru 2018, nedew l-"Istrateġija tal-Azores għall-Enerġija 2030" biex jisfruttaw il-potenzjal tar-riżorsi naturali u tat-teknoloġiji emerġenti; u qed jaħdmu fuq il-"Pjan ta' Azzjoni tal-Azores għall-Effiċjenza Enerġetika".
- Stabbilixxew il-"Pjan ta' Azzjoni għall-Mobbiltà Elettrika fl-Azores 2018-2024", li jinkludi t-tħaddim ta' punti ta' ċċarġjar għall-vetturi elettriċi fid-disa' gżejjer.
- Qed jiżviluppaw aġenda dwar it-tranżizzjoni tal-enerġija appoġġata mill-inizjattiva Enerġija Nadifa għall-Gżejjer tal-UE; qed janalizzaw l-użu tal-kejbils ta' taħt il-baħar biex jikkonnettjaw il-grilji tal-enerġija tal-gżejjer tagħhom.
- Qed jipparteċipaw fi proġett ta' Orizzont 2020 (2019-2021) dwar l-enerġija ġeotermali profonda u fil-proġett ta' Interreg E-MOBICITY (2019-2023), għall-ottimizzazzjoni tal-politiki pubbliċi rigward il-mobbiltà elettrika fiż-żoni urbani.

Ir-riċerka u l-innovazzjoni

- F'Settembru 2018, nedew port spazjali internazzjonali fuq il-gżira ta' Santa Maria, li mistenni jibda jopera sal-aħħar tal-2021.
- Fl-2018, approvaw il-"Pjan għall-Internazzjonalizzazzjoni tax-Xjenza u t-Teknoloġija", li għandu l-għan li jippromwovi x-xjenza u li jattira proġetti u sħubiji esterni.
- Fl-2018, approvaw l-inizjattiva Transfer+ u qed jipparteċipaw fil-proġett FANBest biex jippromwovu t-trasferiment tat-teknoloġija fl-SMEs lokali, b'mod partikolari fl-ekonomija blu.

L-impjiegi, l-edukazzjoni u t-taħriġ

- Ippromwovew l-impjiegi permezz tal-inizjattivi INOVAR (minn Marzu 2019) għaż-żgħażagħ qiegħda, Berço de Empreco (aġġornata fl-2019) għal sostituti temporanji; u Movemprego (fl-2020) għall-promozzjoni tal-mobbiltà ġeografika tar-riżorsi umani.

L-aċċessibbiltà diġitali

- Fl-2018, nedew il-Pjan ta' Azzjoni għall-Kultura Xjentifika u Teknoloġika, li appoġġa l-istabbiliment ta' laboratorji skolastiċi għall-informatika, ir-robotika u l-ipprogrammar.

It-trasport

- Nedew sejħa internazzjonali għall-offerti biex jinbena bastiment wieħed għall-passiġġieri, għall-vetturi u għall-merkanzija biex ikun hemm konnessjoni bejn il-gżejjer matul is-sena kollha (Jannar 2019).

Il-kooperazzjoni mal-viċinat u lil hinn minnu

- Qed jipparteċipaw fil-proġett ta' Osservazzjoni tad-Dinja u tal-Baħar biex jiżviluppaw teknoloġija mfassla apposta bbażata fuq is-Servizzi Downstream ta' Copernicus bl-għan li jittejjeb l-għarfien marittimu.

## 10. Madeira

Madeira qed tagħmel progress fl-implimentazzjoni tal-Komunikazzjoni tal-2017, li tiffoka fuq l-ekonomija blu, l-ekonomija ċirkolari, it-tibdil fil-klima, ir-riċerka, l-enerġija, l-impjiegi u l-ħiliet.

L-ekonomija blu

- Fl-2018, nediet il-linja ta' kreditu INVESTE RAM2020, strument finanzjarju maħsub biex jiffaċilita l-aċċess għall-finanzi għall-operaturi fuq skala żgħira (EUR 20 miljun).
- Żviluppat il-Pjan Spazjali għall-Ambjent Marittimu, għodda ta' ġestjoni territorjali għall-promozzjoni ta' ekonomija blu sostenibbli.
- Fl-2019, ħolqot konsorzju responsabbli għaċ-Ċentru Internazzjonali Integrat għall-Edukazzjoni u t-Taħriġ għall-Baħar f'Madeira, li mistenni jibda jipprovdi t-taħriġ fl-2020.

L-agrikoltura u l-iżvilupp rurali

- Introduċiet leġiżlazzjoni li tistabbilixxi kummissjoni teknika għall-evalwazzjoni tal-konformità tal-prodotti agrikoli u tal-oġġetti tal-ikel ta' Madeira fl-2018 biex tiżgura li l-prodotti li jibbenefikaw minn skema ta' kwalità tal-UE jkunu konformi mal-leġiżlazzjoni tal-UE.

Il-bijodiversità

- Saħħet il-ġestjoni taż-żoni protetti u tas-siti tan-netwerk Natura 2000 (mill-2017) billi rrevediet u aġġornat il-pjanijiet ta' ġestjoni, l-istrateġiji u ż-żoni kklassifikati.

L-ekonomija ċirkolari

- Żviluppat Aġenda Reġjonali għall-Ekonomija Ċirkolari biex jittaffa l-impatt ambjentali fl-insegwiment tat-tkabbir ekonomiku sostenibbli (2019).
- Ħejjiet l-"Istrateġija dwar l-Iskart 2020-2030" biex ittejjeb l-immaniġġjar tal-iskart (2019).

It-tibdil fil-klima

- Tat spinta lill-implimentazzjoni tal-Istrateġija Reġjonali għall-Adattament għat-Tibdil fil-Klima permezz ta' proġetti appoġġati minn Interreg u l-programm LIFE tal-UE u bdiet taġġornaha.
- Qed tiżviluppa softwer u sistemi biex tevalwa, tipprevjeni u ttaffi r-riskji ta' nirien fil-foresti u ttejjeb il-ġestjoni tan-nirien fil-foresti bl-appoġġ tal-Fond ta' Koeżjoni.

L-enerġija

- Implimentat il-proġett "Sustainable Porto Santo – Smart Fossil Free Island" (2019), immirat lejn il-promozzjoni tal-użu ta' vetturi elettriċi u sistemi ta' ċċarġjar intelliġenti.
- Waslet biex tikkonkludi l-espansjoni tal-proġett idroelettriku Calheta III appoġġat mill-Fond ta' Koeżjoni.
- Ħadet sehem f'diversi proġetti tal-enerġija tal-UE, inkluż ENERMAC (2017-2019), dwar l-ippjanar tal-istrateġiji għall-implimentazzjoni tal-infrastrutturi tal-enerġija rinnovabbli.
- Qed tippromwovi trasport nadif bl-appoġġ tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali: ix-xiri ta' ħames minibuses elettriċi u 25 karozza tal-linja nodfa (2019).

Ir-riċerka u l-innovazzjoni

- Ikkooperat fil-proġett SMART4HEALTH mill-2019 biex tippermetti liċ-ċittadini jiġġestixxu u jżommu rekords tad-*data* tagħhom dwar is-saħħa madwar l-UE u lil hinn minnha.

- Ivvalutat mill-ġdid l-Istrateġija Reġjonali għall-Ispeċjalizzazzjoni Intelliġenti (2019) biex tħejji t-tnedija tal-istrateġija 2.0 għall-perjodu 2021-2027.

L-impjiegi, l-edukazzjoni u t-taħriġ

- Żviluppat miżuri biex jiġu appoġġati dawk qiegħda, inklużi programmi mmirati lejn il-ħolqien tal-impjiegi għaż-żgħażagħ, bħal PROJOVEM. Fl-2018, it-68 proġett approvati taħt il-Programm ta' Stimolu għall-Intraprenditorija fost il-Persuni Qiegħda ħolqu 118-il impjieg ġdid. Dawn il-miżuri koprew 5 512-il persuna matul l-2018.

L-aċċessibbiltà diġitali

- Fl-2018, iffirmat kuntratt għall-provvista ta' konnessjoni ġdida tat-telekomunikazzjoni fil-kejbil ottiku ta' taħt il-baħar bejn Madeira u l-kontinent Portugiż.
- Żviluppat korsijiet biex ittejjeb il-ħiliet diġitali fl-iskejjel (2018-2019) permezz tal-"Pjan Strateġiku għall-Innovazzjoni Edukattiva tal-Iskejjel", inklużi proġetti STEM (Xjenza, Teknoloġija, Inġinerija u Matematika).
- Introduċiet l-hekk imsejjaħ "Future Classroom Lab", li pprovda kits tar-robotika lill-iskejjel fis-snin 2018 u 2019.

It-trasport

- Approvat il-Pjan ta' Azzjoni għall-Mobbiltà Sostenibbli f'Madeira (Ġunju 2019). Il-pjan mistenni jappoġġa t-tranżizzjoni lejn trasport nadif u sikur.

Il-kooperazzjoni mal-viċinat u lil hinn minnu

- Fl-2018, nediet mill-ġdid is-Summit tal-Arċipelagu tal-Makaroneżja, li jrawwem dibattitu dwar sfidi konġunti relatati mal-ambjent u t-tibdil fil-klima, l-ekonomija tal-baħar, il-promozzjoni tal-kummerċ u tal-investiment, it-taħriġ, kif ukoll il-mobbiltà tal-istudenti u tal-għalliema.
- Qed tipparteċipa fil-proġett INTEGRA, immirat lejn l-integrazzjoni u l-iżvilupp tas-suq tal-viċinat ekonomiku u soċjali tal-Makaroneżja, approvat f'Ġunju 2019 (il-programm MAC ta' Interreg dwar Madeira, l-Azores u l-Gżejjer Kanarji).

## 11. Spanja

Spanja timplimenta l-Komunikazzjoni tal-2017 flimkien mar-reġjun ultraperiferiku tal-Gżejjer Kanarji fil-qafas tad-distribuzzjoni kostituzzjonali tal-kompetenzi.

L-ekonomija ċirkolari

- Ħadet sehem fit-tnedija tat-Task force tal-iskart f'Novembru 2018 u fil-laqgħat sussegwenti tiegħu permezz tal-Ministeru tat-Tranżizzjoni Ekoloġika u d-Dipartiment tad-Dwana u s-Sisa; u qed tappoġġa l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni tagħha.
- Analizzat il-Pjan Komprensiv tal-Iskart tal-Gżejjer Kanarji (PIRCAN) 2018-2025.

L-enerġija

- Qed tappoġġa, fi ħdan il-Pakkett tal-UE dwar l-Enerġija Nadifa, azzjonijiet għall-introduzzjoni ta' enerġiji rinnovabbli fil-gżejjer, l-iffrankar tal-enerġija, it-titjib tal-effiċjenza enerġetika u l-promozzjoni ta' mobbiltà sostenibbli, inklużi l-irkanti tal-enerġija rinnovabbli, l-interkonnessjonijiet bejn il-gżejjer u l-istazzjonijiet tal-iċċarġjar elettriku għall-vetturi.
- Żviluppat u appoġġat taħriġ u azzjonijiet ta' tixrid teknoloġiku fil-qasam tal-enerġiji rinnovabbli.

## 12. Il-Gżejjer Kanarji

Il-Gżejjer Kanarji qed jimplimentaw il-Komunikazzjoni tal-2017 b'enfasi fuq l-enerġija, ir-riċerka u l-ekonomija ċirkolari.

- Qed jiżviluppaw *data* uffiċjali dwar il-produzzjoni lokali minn Lulju 2018 permezz ta' ftehim mal-Istitut tal-Istatistika lokali (ISTAC).

L-ekonomija blu

- Waqqfu grupp ta' ħidma dwar l-ekonomija blu fi Frar 2018; Wettqu analiżi SWOT għas-setturi kollha tal-ekonomija blu biex iwittu t-triq għall-Istrateġija tal-Ekonomija Blu ppjanata għall-ewwel nofs tal-2020.

L-agrikoltura u l-iżvilupp rurali

- Implimentaw strateġija biex jiddifferenzjaw il-prodotti abbażi tal-kwalità tagħhom biex jiżdied il-konsum, tiġi promossa l-produzzjoni ekoloġika u jiġu ffaċilitati l-kuntatti bejn is-settur agroalimentari u l-amministrazzjoni.

L-ekonomija ċirkolari

- Nedew proġett għal impjant tal-bijogass fl-2017, bl-appoġġ tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, bl-għan li jivvalorizzaw l-iskart tal-bhejjem.
- F'Novembru 2018, ikkooperaw fil-ħolqien ta' taskforce dwar l-Iskart, billi ffaċilitaw il-komunikazzjoni bejn il-partijiet ikkonċernati fil-livelli kollha (lokali, reġjonali, nazzjonali u f'dak Ewropew), u fit-tfassil ta' pjan ta' azzjoni għat-titjib tal-immaniġġjar tal-iskart.
- Waqqfu grupp ta' ħidma dwar l-Ekonomija Ċirkolari fi Frar 2018, li jwettaq dijanjożi preliminari tas-sitwazzjoni fuq il-gżejjer.
- F'Awwissu 2018, adottaw linji gwida u rakkomandazzjonijiet għat-tnaqqis u r-riċiklaġġ tal-iskart tal-plastik li jintuża darba biss.
- F'April 2019, approvaw l-Istrateġija tal-Gżejjer Kanarji għall-plastik.

It-tibdil fil-klima

- Nedew l-Osservatorju tal-Gżejjer Kanarji għat-Tibdil fil-Klima, korp għall-konsultazzjoni, il-parteċipazzjoni u l-iżvilupp tal-azzjonijiet (Lulju 2018).
- Qed jaġġornaw l-Istrateġija reġjonali dwar it-Tibdil fil-Klima.

L-enerġija

- Ipparteċipaw fl-Inizjattiva Enerġija Nadifa għall-Gżejjer tal-UE: f'Novembru 2018, organizzaw it-tieni Forum dwar l-Enerġija Nadifa għall-gżejjer tal-UE f'Lanzarote; La Palma qed timplimenta proġett pilota fil-qafas ta' din l-inizjattiva.
- Fl-2019 installaw żewġ prototipi innovattivi għall-użu tal-enerġija mir-riħ tal-baħar fuq il-pjattaforma PLOCAN.

Ir-riċerka u l-innovazzjoni

- Qed imexxu l-proġett ta' riċerka tal-UE bl-isem ta' FORWARD biex itejbu l-parteċipazzjoni tar-reġjuni ultraperiferiċi kollha fin-netwerks u l-programmi ta' riċerka internazzjonali.
- F'Ottubru 2019, nedew mill-ġdid il-proġett RIS3-Net2 (bħala mexxejja tal-proġetti) fil-qafas tal-programm ta' Interreg għal Madeira, l-Azores u l-Gżejjer Kanarji (MAC) bl-għan li jiddefinixxu qafas komuni għall-istrateġiji transreġjonali ta' RIS3.
- Qed jipparteċipaw fil-proġett SOCLIMPACT li għandu bħala mira l-immudellar tal-effetti tat-tibdil fil-klima u l-impatti soċjoekonomiċi tagħhom fuq il-gżejjer Ewropej fil-kuntest tas-setturi tal-ekonomija blu.

- Qed jipparteċipaw fil-proġett REACT appoġġat minn ORIZZONT 2020 biex jiddekarbonizzaw is-sistemi tal-enerġija tal-gżejjer.

L-impjiegi, l-edukazzjoni u t-taħriġ

- Qed imexxu l-proġett GROW RUP, koffinanzjat minn Interreg Europe minn Jannar 2017 bl-għan li jindirizzaw il-qgħad fit-tul fil-qasam tal-ekonomija ekoloġika u dik blu.

Il-kompetittività, l-intraprenditorija u s-suq uniku

- F'Jannar 2018, nedew strateġija operattiva għall-internazzjonalizzazzjoni tal-ekonomija tal-Gżejjer Kanarji, bl-għan li jittejbu l-kompetittività tan-negozji u l-intraprenditorija.

L-aċċessibbiltà diġitali

- Waqqfu żewġ sejħiet għal proposti biex jappoġġaw l-iskjerament ta' infrastrutturi tal-broadband b'veloċità għolja (fl-2018 u fl-2019).
- Appoġġaw lill-organizzazzjonijiet biex jipprovdu taħriġ dwar il-ħiliet diġitali għal ammont totali ta' 71 proġett (fil-perjodu 2017-2019).

Il-kooperazzjoni mal-viċinat u lil hinn minnu

- Qed imexxu l-proġett MAC HEXAGONE ta' Interreg flimkien ma' Madeira u mal-Azores biex jagħtu spinta lill-kooperazzjoni mal-pajjiżi ġirien tal-Mawritanja, is-Senegal u Cabo Verde billi jsaħħu l-koordinazzjoni bejn il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-programmi tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp fiż-żona (jintemm f'Diċembru 2022).
- Implimentaw il-proġett VALCONMAC ta' Interreg, li ffoka fuq il-protezzjoni u l-iżvilupp tal-ħabitats tal-foresti fl-arċipelagi tal-Makaroneżja tal-Atlantiku.